KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 16.7.2008
SEG(2008) 2119

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

***li jakkumpanja***

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar skema ta' Ekotikketta Komunitarja**

# ***SINTEŻI TAL-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT***

{KUMM(2008) 401 finali}
{SEG(2008) 2118}

# Sommarju Eżekuttiv

Skond l-Artikolu 20 tar-Regolament dwar l-Ekotikketta[1], l-iskema ta' l-UE dwar l-Ekotikketta, li ilha fis-seħħ mill-1992, għandha tiġi analizzata u l-Kummissjoni għandha mbagħad tipproponi emendi xierqa għar-Regolament.

L-għanijiet kumplessivi ta' l-iskema huma li tinkuraġġixxi l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli ta' prodotti, u l-forniment u l-użu sostenibbli ta' servizzi, billi jiġu stabbiliti valuri komparattivi għal prestazzjoni ambjentali tajba. Billi l-konsumaturi jiġu ggwidati lejhom, l-Ekotikketta għandha tippromwovi dawk il-prodotti u servizzi li jilħqu dawn il-valuri komparattivi meta mqabbla ma' oħrajn fl-istess kategorija. L-iskema ta' l-Ekotikketta teħtieġ ukoll li tkun tista' tintuża bħala parti integrali u effikaċi minn qafas politiku usa' tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Konsum u Produzzjoni Sostenibbli, li jorbot sew ma' strumenti oħra, bħall-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku (APE), l-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali (EMAS) u d-Direttiva dwar l-Ekodisinn.

Il-proċess ta' analiżi u l-valutazzjoni ta' l-impatt dwar l-Ekotikketta beda fi Frar 2002, bit-tnedija ta' evalwazzjoni massiva dwar l-Ekotikketta[2]. Barra mill-analiżi, saru għadd ta' konsultazzjonijiet ma' partijiet konċernati, li wasslu għal konsultazzjoni pubblika fuq l-Internet fil-bidu ta' l-2006, u r-riżultati ta' dawn indikaw sewwasew il-ħtieġa għal bidliet sinifikanti li għandhom isiru fir-Regolament dwar l-Ekotikketta. Il-valutazzjoni ta' l-impatt turi li l-iskema attwali m'hix kapaċi tilħaq l-għanijiet tagħha minħabba n-nuqqas ta' kuxjenza pubblika li teżisti dwar it-tikketta u l-adozzjoni baxxa minn naħa ta' l-industrija, fost l-oħrajn, kawża ta' proċessi u maniġment burokratiċi wisq.

F'din il-valutazzjoni ta' l-impatt tqiesu tliet alternattivi makro ewlenin: li jitkompla l-approċċ attwali; li l-iskema titneħħa gradwalment; jew li jsiru bidliet fl-iskema. Taħt l-aħħar alternattiva ġew analizzati għadd ta' alternattivi mikro, li mbagħad tqiesu bħala pakkett ta' miżuri li jirrappreżentaw l-aħjar modifiki għall-iskema. Wara l-analiżi ta' l-impatti ntagħżlet din l-aħħar alternattiva. Il-pakkett ta' miżuri li ġejjin qed jiġi għalhekk propost għall-modifika u s-simplifikazzjoni ta' l-iskema:

- Regolament dwar id-Disinn biex jikkumplimenta aħjar azzjonijiet oħra tal-Kummissjoni dwar il-produzzjoni u konsum sostenibbli;
- jitwessa' l-ambitu tat-tikketta;
- jiddaħħlu miżuri biex jinkuraġġixxu l-armonizzazzjoni ma' skemi oħra ta' ekotikkettar: kriterji ta' l-UE dwar l-Ekotikketta bħala standard għal ekotikketti oħra; proċeduri mħaffa biex jiġu adottati kriterji żviluppati minn skemi nazzjonali ta' l-ekotikketti;
- aktar żvilupp ta' gruppi ta' prodotti / kriterji mħaffa;
- l-introduzzjoni ta' mudell għal dokumenti ta' kriterji biex jiġi żgurat li jkunu aktar faċli għall-użu;
- tiġi inkorporata gwida dwar l-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku fil-kriterji ta' żvilupp;

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta ta' l-għoti ta' l-ekotikketta Komunitarja (http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=DD:15:05:32000R1980:MT:PDF)

[2] http://ec.europa.eu/environment/ecolabel/revision_en.htm

- simplifikazzjoni tal-proċeduri ta’ valutazzjoni u verifika u t-tneħħija tat-tariffa annwali;
- analiżi laterali għall-Korpi Kompetenti;
- imbuttatura pubbliċitarja.

Din il-modifika u simplifikazzjoni ta' l-iskema mistennija twassal, minn naħa, għal żieda konsiderevoli fil-kumpaniji li jużaw it-tikketta, għalhekk jiżdiedu wkoll il-prodotti Ekotikkettati fis-suq u, min-naħa l-oħra, għal żieda fl-għadd ta' konsumaturi li jkunu jafu dwar il-prodotti Ekotikkettati u jkunu lesti li jixtru minnhom, kif ukoll żieda fl-użu tal-kriterji ta' l-UE dwar l-Ekotikketta fl-akkwist pubbliku. L-Ekotikketta se tkun strument aqwa għal dawk responsabbli mit-tfassil tal-politiki, partikolarment fi ħdan il-qafas tal-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-Konsum u Produzzjoni Sostenibbli, u se tkun ta’ valur kumparattiv utli u għodda ta’ tagħrif dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u s-servizzi.

L-impatti ekonomiċi u ambjentali ta’ l-iskema se jiddependu mis-suċċess ta’ l-Ekotikketta u dan is-suċċess se jiddependi ħafna, fost diversi fatturi, fuq kemm tiġi koordinata sew ma' strumenti politiċi oħra li jippromwovu l-innovazzjoni fil-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Azzjonijiet eventwali tal-Kummissjoni dwar il-Konsum u l-Produzzjoni Sostenibbli se jeżaminaw modi ta’ użu ta’ firxa ta' strumenti politiċi dwar prodotti b’mod koerenti u koordinat biex jiġu massimizzati l-effetti kumplessivi tagħhom, u b’hekk jixprunaw kemm l-innovazzjoni kif ukoll il-bejgħ ta’ prodotti aktar ekoloġiċi. Billi l-Ekotikketta hija parti minn dan il-pakkett ta' strumenti, l-impatt tagħha għandu jiġi ġġudikat bħala parti minnu.

Din il-valutazzjoni ta' l-impatt tikkonkludi li, bħala strument volontarju, Ekotikketta modifikata jista’ jkollha benefiċċji ekonomiċi netti għall-ekonomija ta’ l-UE, u żżid kemm il-kompetizzjoni kif ukoll il-kompetittività. L-Ekotikketta għalhekk taħdem fis-suq u - permezz ta' l-approċċ simplifikat tagħha – hija mudell ta’ strument politiku ta’ “regolamentazzjoni aħjar".